# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 11 ta' Lulju, 2016**

**Talba Nru: 680/2014/VG**

**GasanMamo Insurance Limited [C-3143] kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Georgios Stravropoulos (numru ta' passaport Grieg A10406757), sija bil-polza u sija bil-ligi, kif ukoll l-istess Georgios Stavropoulos**

**vs**

**Aaron SCHEMBRI**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fis-26 ta' Settembru, 2014** u li permezz taghha talbu lill-intimat jhallashom is-somma ta' erba' mija disgha u hamsin euro u sitta u sittin centezmi ta' euro [€459.66c] u dan wara li ppremettew hekk:

> "Is-socjeta attrici titlob lil dan it-Tribunal sabiex tikkundanna l-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' erba' mija disgha u hamsin Euro u sitta u sittin Eurocentezmi (€459.66) rapprezentanti danni

sofferti mill-atturi in segwitu tal-incident illi sehh fl-24 ta' Novembru, 2012, gewwa l-Marsa, meta l-konvenut b'intenzjoni u b'dolo, ikkawza hsarat fuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni EBI-616 proprjeta ta' l-assikurat tas-socjeta attrici;

Is-somma mitluba tinkludi wkoll l-ammont ta' hamsa u hamsin Euro (€55) mhallsa bhala Excess mill-assikurat tas-socjeta attrici, Georgios Stavropoulos, illi kien assikurat taht polza tat-tip "Comprehensive" mahruga mis-socjeta assikurattrici, li da parti taghha hallset il-bilanc rimanenti tad-danni;

Interpellat sabiex ihallas permezz ta' ittra ufficjali datata 18 ta' Lulju, 2014 il-konvenut baqa inadempjenti u ghalhekk kellhom jigu stitwiti dawn il-proceduri;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-18 ta' Lulju, 2014 u bl-imghaxijiet mit-18 ta' Lulju, 2014 sal-gurnata tal-pagament effettiv kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni".

**Ra r-risposta ta' l-intimat minnu pprezentata fis-16 ta' Jannar, 2015** u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba tar-rikorrenti:

"Bir-rispett il-konvenut qed jeccepixxi s-segwenti:

(1) Illi s-socjeta attrici ghandha ggib prova ta' l-interess guridiku taghha;

(2) Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, mhux minnu li l-eccipjenti volontarjament u dolozament ikkaguna hsara kif qed jigi allegat mill-atturi, u l-prova tal-kuntrarju tinkombi fuq l-atturi;

(3) Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma ghalhekk infondati fil-fatt u fid-dritt, u ghandhom jigu michuda.

Bl-ispejjez kontra l-atturi, li huma minn issa ngunti in subizzjoni".

Ra l-verbali fejn it-Talba giet differita ghas-sentenza ghal-lum;

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Semgha x-xhieda u t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, r-rikorrenti qeghdin jitolbu l-hlas, minghand l-intimat, tas-somma ta' erba' mija disgha u hamsin euro u sitta u sittin centezmi ta' euro [€459.66c] rapprezentanti danni sofferti mir-rikorrenti in segwitu tal-incident illi sehh fl-24 ta' Novembru, 2012, gewwa l-Marsa, meta l-intimat b'intenzjoni u b'dolo, ikkawza hsarat fuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni EBI-616 proprjeta ta' l-assikurat tas-socjeta rikorrenti. F'dan l-ammont ta' €459.66c hemm inkluz l-ammont ta' hamsa u hamsin Euro (€55) mhallsa bhala *excess* mir-rikorrenti Georgios Stavropoulos lis-socjeta rikorrenti peress li huwa kien assikurat taht polza tat-tip *comprehensive* mahruga minnha li da parti taghha hallset il-bilanc rimanenti tad-danni;

2. L-intimati fir-risposta tieghu stqarr li s-socjeta rikorrenti ghandha ggib prova ta' l-interess guridiku taghha u li mhux minnu li huwa volontarjament u dolozament ikkaguna hsara kif qed jigi allegat mir-rikorrenti, u l-prova tal-kuntrarju tinkombi fuq l-istess rikorrenti. Ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda.

Ikkunsidra;

3. **Ir-rikorrenti** xehed u qal li dak-in-nhar li sehh l-incident, huwa kien qieghed isuq bil-vettura bil-pjanca ta' registrazzjoni EBI-616 mill-Marsa sejjer lejn tas-Sliema. Mieghu kien hemm Isabella Sultana. Qal li qabel ma hareg ghal go Regional Road, huwa kellhu jieqaf sabiex jara jekk kienx gej traffiku. L-intimat kien fuq in-naha tax-xellug tal-vettura tieghu. Qal li huwa imbaghad ipproceda biex jmur fuq il-*fast lane* tat-triq sejjer fid-direzzjoni lejn tas-Sliema. L-intimat ma harigx mieghu fit-triq peress li ried jistenna li ma jkunx hemm karozzi gejjin min fuq in-naha tal-lemin tieghu. Qal li sadanitant "*he overtook me on the left from the left hand side and went in front of me and he stopped in front of me exactly. I had to obviously stop. I had to break suddenly because of his manouver*" (fol. 43). Qal li l-intimat hareg mill-vettura tieghu u beda jinsulentah. Qal li ghalkemm huwa ma kienx jifhem bil-Malti, l-passiggiera li kien hemm mieghu kienet tifhem u hi bdiet tispjegalu x'beda jinghad lilu mill-intimat. Stqarr li huwa baqa fil-vettura u wara ftit "*respondant then started getting agressive and he tried with his elbow to break my window*" (fol. 43). Sahansitra, kompla jghid ir-rikorrenti, l-intimat fetahlu l-bieba izda huwa rnexxielu jaghlaqha. Wara l-intimat "*went in front of the car to look at it then came back next to my side and kicked the mirror and he kicked the door*" (fol. 44). Mill-vettura ta' l-intimat harget mara, f'liema vettura kien hemm ukoll tarbija. Sussegwentement, meta kellhu l-opportunita sabiex jirriversja hekk ghamel u baqa sejjer l-Ghassa tal-Pulizija ta' San Giljan biex jaghmel rapport ta' l-akkadut. B'kawza ta' dak li ghamel l-intimat mal-vettura tieghu, huwa sofra ghafsa fil-bieba fuq in-naha tieghu u kif ukoll mera mkissra ukoll fuq in-naha tieghu. Il-Pulizija kompla jghid ir-rikorrenti talbuh sabiex imur fil-kwartieri generali tal-Pulizija sabiex ikunu jistghu jiehdu l-impronti digitali minn fuq il-vettura tieghu u wara huwa kellhu jmur jaghmel rapport gewwa l-Ghassa tal-Pulizija tal-Marsa. Zied ighid li huwa assikurat *fully comprehensive* u li hallas l-ammont ta' €55 excess. In kontro-ezami, huwa qal li l-incident dam madwar tnax (12)-il minuta. Bejn il-vettura tieghu u dik ta' l-intimat kien hemm madwar tlett (3) metri spazju. Qal li l-intimat ta

zewg daqqiet ta' sieq. L-ewwel wahda lil bieba imbaghad ohra lill-mera. Kompla jghid li huwa u sejjer lejn l-Ghassa tal-Pulizija ta' San Giljan huwa seta jara lill-intimat isuq warajh. Fil-fatt, wara li dahal jaghmel ir-rapport tieghu f'dik l-Ghassa, dahal ukoll l-intimat.

4. **Jonathan Pace**, *claims analyst* mad-Dipartiment tal-Motor Claims tas-socjeta rikorrenti esebixxa kopja tas-*survey report* (dok. JP 2 a fol. 55) u *breakdown* ta' l-ammonti kollha li thallsu (dok. JP 3 a fol. 59). Huwa esebixxa ukoll kopja tal-*claim form* (dok. JP 4 a fol. 60).

5. **Isabelle Sultana** qalet li hija kienet riekba bhala passiggiera mar-rikorrenti. Qalet li huma u telghin mit-telgha li mill-Marsa tiehu ghat-triq li twasslek sal-mina ta' Santa Venera, hekk kif ir-rikorrenti kien qieghed jistenna biex ikun jista johrog ghat-triq imsemmija bdew jisimghu tpaqpiq ta' *horn*. Qalet li r-rikorrenti kellu jressaq il-vettura tieghu fuq in-naha tax-xellug l-ghaliex kien hemm vettura li bdiet tissikkah fuq in-naha tal-lemin. Din il-vettura li kien hemm fuq il-lemin u li bdiet tissikka lir-rikorrenti ma kienitx ta' l-intimat. Kien f'dan il-waqt u cioe meta r-rikorrenti beda jersaq fuq ix-xellug tal-karreggjata li l-intimat beda jdoqq il-*horn* tieghu u dan peress li huwa kien fuq ix-xellug ukoll. Kompliet tghid li r-rikorrenti imbaghad hareg fit-triq biex ikompli bit-tragit u kien hemm li indunat "*li l-intimat bhal donnu ried xi haga meta huwa beda jissikka man-naha tieghi cioe man-naha tal-passiggier*" (fol. 47). Ziedet tghid li l-intimat "*qala l-vettura taghna minn fuq in-naha ta' gewwa, kiser ghal gol karregjata fejn konna qeghdin ahna u waqqaf il-karozza tieghu quddiemna*" (fol. 47). Minhabba din il-manuvra, huma kellhom jieqfu wara l-karozza ta' l-intimat. Qalet li l-intimat "*hareg minn gol-vettura tieghu ... mar fuq in-naha tas-side tax-xufier tal-vettura li kont riekba fiha jiena, beda jidghi daghha ikrah hafna, ta' xi daqtejn fuq il-hgiega ukoll bil-minkeb u meta nduna li ma setghax ikisser din il-hgiega u l-bieba kienet illokjata. L-intimat fetah ukoll il-bieba tan-naha tax-xufier u Georgos rega gibidha lura. Sa kisser il-mera b'idejh u naf illi b'saqajh imbaghad kisser is-side ta' Georgos*" (fol. 47). Ix-xhud qalet li l-intimat imbaghad mar fuq in-naha taghha u "*kellu rage li qatt ma rajt bhala*" (fol.

47). Qalet li fil-vettura misjuqa mill-intimat kien hemm mara u tarbija u din il-mara ghamlitilha sinjal b'subghajha quddiem halqha "*biex speci ta' nieqaf*" (fol. 47). Ix-xhud qalet li hija dak il-hin kienet qeghda tibki fil-vettura tar-rikorrenti. Wara li rnexxielhom jitliqu minn fuq il-post huma baqghu sejrin l-Ghassa tal-Pulizija ta' San Giljan. Ftit tal-hin wara dahal ukoll l-intimat fl-Ghassa. Dak il-hin l-intimat kompla joffendi lir-rikorrenti u "*il-pulizija fil-fatt kellhom jifirduna dan fis-sens li lilna poggewna f'post u lilu poggewh f'post iehor*" (fol. 47). Mistoqsija in kontro-ezami jekk waqt li kienu teghlin it-telgha tal-Marsa huma kienux laqtu l-vettura misjuqa mill-intimat, ix-xhud wiegbet fin-negattiv. Sostniet li "*ma stajniex nolqtuha ahna din il-vettura l-ghaliex kien warajna*" (48). Qalet li "*jista jkun li ahna biex niskapulaw l-incident li kien ser isehh li kieku bqajna ghaddejjin kif ghaddejna u gie t-terz fuq in-naha tal-lemin qtajna t-triq tal-intimat li kien fuq in-naha tax-xellug taghna. Nghid illi ghalhekk beda jpaqpaq l-intimat*" (fol. 48). Mistoqsija kemm dan l-episodju "*fejn l-intimat kien qieghed jinsulenta lil Georgos, jaghti fuq it-tieqa, jkisser il-mera, jkisser il-bieba u jimxi minn naha ta' Georgos ghal fuq in-naha tieghi*", hija qalet li ma kienitx taf u li dak il-hin kienet bezghana. Qalet illi l-intimat beda jghati d-daqqiet fuq il-hgiega tal-vettura misjuqa mir-rikorrenti bil-minkeb.

6. **Audrey Schembri**, mart l-intimat qalet li hija kienet mieghu dak in-nhar li sehh dan l-episodju. Maghhom kien hemm iben l-intimat. Qalet li r-rikorrenti kien qieghed isuq bil-mod u l-intimat prova jaghmel manuvra biex jaqla lir-rikorrenti min fuq il-*lane* fuq in-naha tal-lemin tat-triq. Kompliet tghid li "*x'hin konna qeghdin naghmlu manuvra ta' surpass ir-rikorrenti rasna ghal mal-hajt ta' dik it-triq*" (fol. 49). Minhabba f'hekk, l-intimat kellu jnaqqas l-ispeed l-ghaliex inkellha huma kienu jahbtu. Kien f'dak il-hin li l-intimat beda jpaqpaq lir-rikorrenti. Ziedet tghid li huma segwew lir-rikorrenti l-ghaliex l-intimat ried imur ghand zijuh li jghix gewwa San Giljan. Qalet li hekk kif imbaghad regghu ippruvaw jaghmlu manuvra ta' sorpass, hija giet mal-genb tax-xufier u setat tinnotta "*li kellu l-mera tal-karozza tieghu mperpra*" (fol. 49). Mistoqsija mit-Tribunal x'gara wara li huma hargu fit-triq u bdew sejrin lejn San Giljan, hija qalet "*lli ma gara*

*xejn, bqajna sejrin lejn San Giljan*" (fol. 49). Stqarret li z-ziju tal-intimat joqghod f'wahda mit-toroq fil-genb tal-Wembley Garage. X'hin nizlu min fejn it-Tiguglio, u gew vicin l-Ghassa tal-Pulizija ta' San Giljan, kienet hi li ndunat li r-rikorrenti kien bil-vettura tieghu hdejn l-Ghassa u allura, kompliet tghid ix-xhud, l-intimat nizel jara x'gara. Qalet li tifhem li l-intimat "*ghamel hekk biex jiehu r-raguni ghalfejn ir-rikorrenti kien issikah meta konna bdejna dik it-telgha tal-Marsa*" (fol. 49). In kontro-ezami hija qalet li biex ma ssirx il-habta originali bejn ir-rikorrenti u l-intimat huma u telghin mit-telgha tal-Marsa, l-intimat kellhu jaghmel *break* kbir hafna. Mistoqsija mit-Tribunal jekk huma kienux waqfu l-vettura tr-rikorrenti hija qalet li "*le fl-ebda hin ma waqqafna l-vettura tr-rikorrenti l-uniku darba li waqafna kien fejn l-Ghassa tal-Pulizija ta' San Giljan*" (fol. 49). Mistoqsija jekk kienu kellmuhiex il-Pulizija, hija wiegbet fin-negattiv.

7. **L-intimat** qal li nhar il-Hadd 24 ta' Novembru, 2012 huwa kien sejjer ghand zijuh li joqghod gewwa Spinola, San Giljan. Qal li huwa ltaqa mar-rikorrenti hekk kif appena kien ser jibda tielgha t-telgha li mill-Marsa tiehdok ghal parti tal-fly over tal-Marsa By Pass. Ir-rikorrenti kien fil-*fast lane* filwaqt li huwa kien ghaddej fl-i*slow lane*. Mieghu kien hemm il-mara u ibnu. Qal li "*x'hin wasalt ezatti mieghu lest biex naqbzu hu f'daqqa wahda gibed ghal fuqi*" (fol. 70). Qal li din il-mauvra ta' sorpass huwa pprova jaghmilha diversi drabi izda r-rikorrenti "*kull darba beda jaghlaqni*" (fol. 70). Qal li huwa ma jafx ghala r-rikorrenti kien qieghed jaghmel hekk u li dan kien qieghed isuq bilmod hafna. Qal li x'hin wasal fit-tarf tat-telgha, tant rassu r-rikorrenti li kellhu jieqaf. Stqarr li huwa beda jpaqpaqlu u qallu xi kelma li mhux suppost. Zied jghid li wara li ghamel dan, huwa baqa sejjer lejn is-Swieqi fejn joqghod zijuh. X'hin waslu fejn l-Ghassa ta' San Giljan, martu gibditlu l-attenzjoni ghal fatt li l-vettura li kien hemm quddiem l-Ghassa tal-Pulizija ta' San Giljan kienet l-istess wahda li kienu raw il-Marsa. Huwa pparkja l-vettura tieghu u mar l-Ghassa. Mistoqsi mit-Tribunal ghala huwa nizel l-Ghassa l-intimat wiegeb u qal li huwa ried jara ghal beda jrossu l'hemm u l'hawn. Qal li meta huwa ra lir-rikorrenti gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ma gara xejn bejniethom u li ma kien hemm l-ebda mara ma' l-istess

rikorrenti. In kontro-ezami l-intimat qal li t-telgha min fejn ippruva jaqla lir-rikorrenti mil-*lane* ta' gewwa tghalaq u tibqa biss dik ta' barra fejn kien ir-rikorrenti. B'hekk x'hin tasal fil-parti ta' fuq tat-triq, bilfors li x-xufier tan-naha ta' gewwa jkollu jcedi lix-xufier tan-naha ta' barra. Qal li huwa kien ipprova jaqla lir-rikorrenti madwar tlieta jew erba' darbiet dan peress li r-rikorrenti kien qieghed isuq verament bil-mod. Zied ighid li dak il-hin tal-manuvra kien hemm impatt bejn il-vetturi taghhom. Fil-fatt, kompla jghid l-intimat, il-bumper ta' quddiem fuq in-naha tax-xellug tal-vetturatieghu kien fih girfa. Dak il-hin, minkejja li l-vetturi missu ma xulxin, kompla jghid l-intimat, huma ma waqfux. L-intimat cahad li huwa waqqaf il-vettura tar-rikorrenti u li kien ghamel ghalih. Mistoqsi jispjega ghala huwa ma kienx semma lil zijuh meta kien gie mitkellem mill-Pulizija l-ewwel darba izda kien semma li kien sejjer *Bay Street* l-intimat qal li huwa kien sejjer hemm ukoll.

8. **L-ex Surgent tal-Pulizija 546 Mario Debattista** qal li huwa ma kien ha l-ebda okkorrenza u li huwa kien qieghed jixhed mill-memorja. Qal li pero l-partijiet kienu zammew mal-verzjoni li huma kienu taw gewwa l-Ghassa ta' San Giljan.

9. **Is-Surgent tal-Pulizija 612 Theo Vella** esebixxa faxxikolu ta' ritratti mehudin minnu gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija. Huwa qal li r-rikorrenti kien kellmu u spjegalu x'kien gara. Ix-xhud kien anke pprova jiehu xi impronti digitali pero r-rizultat kin fin-negattiv.

Ikkunsidra ulterjorment;

10. L-ewwel eccezzjoni ta' l-intimat ija li s-socjeta rikorrenti kellha ggib prova ta' l-interess guridiku taghha. Dwar din l-eccezzjoni ftit li xejn hemm x'jinghad. Is-socjeta rikorrenti resqet bizzejed provi fil-fehma tat-Tribunal sabiex hija turi li ghandha interess sabiex tippromwovi dawn il-proceduri. F'dan ir-rigward, it-Tribunal qieghed jaghmel referenza ghad-dokumenti esebiti minn Jonathan Pace, *claims analyst* mas-socjeta rikorrenti. A skans ta' ripetizzjoni t-Tribunal jaghmel referenza ghan-nota tas-socjeta rikorrenti

minnha mressqa fl-4 ta' Frar, 2015 u a bazi ta' l-argumenti validi hemm kontenuti, qieghed jichad din l-ewwel eccezzjoni ta' l-intimat.

11. Ghar-rigward tal-mertu tat-Talba t-Tribunal kellhu l-opportunita jisma x-xhieda tal-partijiet u l-komportament taghhom fuq il-pedana tax-xhieda. It-Tribunal ma ghandux ghalfejn jiddubita mill-fatti kif xehdu dwarhom ir-rikorrenti u Isabella Sultana. Ma hijiex verosimili li l-intimat jghid li huwa ma waqqafx il-vettura tar-rikorrenti u hemm ghamel il-hsara riskontrata fl-istess vettura kif tidher ben tajjeb mir-ritratti esebiti mis-Surgent tal-Pulizija 612 Theo Vella. Wara kollox, x'kien l-iskop li l-intimat jieqaf ukoll l-Ghassa tal-Pulizija ta' San Giljan. Huwa qal li dan ghamlu l-ghaliex ried is-sodisfazzjon minghand ir-rikorrenti l-ghala huwa kien beda jissikkah bil-vettura l-Marsa. Ma ddejjaqx jaghmel hekk quddiem l-ufficjali tal-pulizija ahseb u ara kemm kien ser jiddejjaq jaghmel hekk f'nofs ta' triq minghajr pulizija. Dan kollu juri, fil-fehma tat-Tribunal li l-intimat waqaf il-vettura tar-rikorrenti u hemm ikkawzala l-hsarat imsemmija volontarjament u dolozament b'dannu tar-rikorrenti. Anke x-xhieda ta' mart l-intimat ma hijiex kredibbli. Wahda minnhom hija meta tghid li l-pulizija lilha ma kienux kellmuha (fol. 50) pero r-rapport tal-pulizija a fol. 13 tal-process mhux hekk jindika. F'dan ir-rapport hemm imnizzel li "*Cassar Audrey Elaine that was a passenger in vehicle reg no: AARON confirmed Aaron Schembri's version of events*" (fol. 13). Illi kollox ma kollox, it-Tribunal, wara li qies u evalwa l-provi skont il-ligi huwa tal-fehma li l-verzjoni tar-rikorrenti ghandha mis-sewwa u ghalhekk sejjer jilqa t-talba.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha ta' l-intimat, jilqa t-talbiet tar-rikorrenti u konsegwentement jikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti s-somma ta' erba' mija disgha u hamsin euro u sitta u sittin centezmi ta' euro [€459.66c] bl-imghaxijiet legali jibdew jidekorru fuq dan l-ammont mid-data tal-ittra ufficjali datata 18 ta' Lulju, 2014 sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 18 ta' Lulju, 2014, huma a kariku tal-intimat.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**